



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Novembru 2021 – Amort *et vs* Il-Kummissjoni

(Kawża T-96/21)

“Rikors għal annullament – Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem – Awtorizzazzjoni kundizzjonata għat-tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem ‘Comirnaty – Vaċċin mRNA (b’ nukleosid immodifikat) kontra l-COVID-19’ – Assenza ta’ interess ġuridiku – Nuqqas ta’ inċidenza diretta – Nuqqas ta’ inċidenza individwali – Att mhux regolatorju – Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Rikors ippreżentat minn rikorrent li ma huwiex id-destinatarju tal-att ikkontestat – Ammissibbiltà – Kundizzjoni – Att li jipproduċi effetti legali vinkolanti fir-rigward tar-rikorrent – Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar awtorizzazzjoni kundizzjonata għat-tqegħid fis-suq ta’ vaċċin kontra l-COVID-19 – Att li ma jbidilx is-sitwazzjoni legali tar-rikorrent – Assenza ta’ interess ġuridiku*

(ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 29 sa 33, 38 u 39)

2. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Inċidenza diretta – Kriterji – Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar awtorizzazzjoni kundizzjonata għat-tqegħid fis-suq ta’ vaċċin kontra l-COVID-19 – Assenza ta’ inċidenza diretta tar-rikorrent*

(ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 41 sa 43, 48, 49, 52)

3. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar awtorizzazzjoni kundizzjonata għat-tqegħid fis-suq ta’ vaċċin kontra l-COVID-19 – Rikors ippreżentat minn individwi li jinvolkaw ksur tad-drittijiet fundamentali – Assenza ta’ inċidenza individwali*

(ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 53 sa 57)

4. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Kunċett ta’ att regolatorju fis-sens tar-raba paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Kull att ta’ portata ġenerali bl-eċċezzjoni tal-atti leġiżlattivi – Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar awtorizzazzjoni kundizzjonata għat-tqegħid fis-suq ta’ vaċċin kontra l-COVID-19 – Esklużjoni*

(ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 58, 59)

5. *Drittijiet fundamentali – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni – Modalitajiet – Protezzjoni ta’ dan id-dritt mill-qorti tal-Unjoni jew mill-qrati nazzjonali skont in-natura legali tal-att ikkontestat*

(Artikolu 19(1) TUE; Artikoli 263, 267 u 277 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47)

(ara l-punti 64 sa 67)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 9598 (final) tal-21 ta’ Diċembru 2020 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq skond ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal “Comirnaty Tilqima tal-mRNA tal-COVID-19 (b’nucleoside modifikat)”, prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem, kif emendata u kkompletata.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa minn Roberta Riccio u Alessandra Rizzotto, minn Gheorghe Piperea, minn TN, minn TF, TG, TH u TI, minn Jean Gouezo u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II, minn VV, minn Stefano Del Gaudio u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II, minn TO, TP u TQ, minn TR u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II, minn VH u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II u minn Dieter Achtschin u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II u minn VW kif ukoll minn BioNTech Manufacturing GmbH u Pfizer Inc.
- 3) Heidi Amort u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness I huma kkundannati għall-ispejjeż.
- 4) Roberta Riccio u Alessandra Rizzotto, Gheorghe Piperea, TN, TF, TG, TH u TI, Jean Gouezo u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II, VV, Stefano Del Gaudio u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II, TO, TP u TQ, TR u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II, VH u l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II u Dieter Achtschin u

l-persuni l-oħra li isimhom jidher fl-Anness II u VW kif ukoll BioNTech Manufacturing GmbH u Pfizer Inc. għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.